**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 25 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 18**

**Avviz Nru: 76/02 AE**

**Golden Harvest Mfg Co Ltd**

**Vs**

**Alex Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u tmienja u disghajn lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1,298.62) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 8) li permezz taghha ddikjara li ma kien xtara l-ebda merkanzija minghand is-socjeta attrici. Il-

konvenut kien impjegat bhala salesman u l-hlas tieghu kien kompost in parti minn salarju stabbilit u in parti minn kummissjoni. Il-konvenut kien iqassam fil-hwienet il-prodott tas-socjeta attrici u jghaddi lis-socjeta attrici il-flus li jigbor.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici bhala General Helper fil-perjodu bejn id-19 ta' Mejju 1996 u s-16 ta' Novembru 1996. Mill-provi rrizulta li b'sehh mit-2 ta' Settembru 1996 ix-xoghol tal-konvenut kien li jqassam prodotti tas-socjeta attrici.

2. Wara li qies il-provi, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici ma rnexxilhiex taghti prova sodisfacenti li l-kaz jitratta bejgh ta' merkanzija. B'daqshekk ma jfissirx li t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda fuq il-fatt biss li dik il-parti ta' l-avviz tat-talba fejn l-attur huwa mitlub biex jiddikjara *"fil-qosor il-fatti li wasslu ghat-tilwima"* (fol. 2), is-socjeta attrici ddikjarat li l-hlas huwa dovut bhala *"prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lid-debitur"*. It-Tribunal jaghmel riferenza ghall-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprovdi:

*"Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddecidi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni".*

Artikolu li huwa ntiz li jnehhi l-formalizmu zejjed mill-proceduri li jinstemghu quddiem il-Qrati Inferjuri u jizgura l-ekonomija tal-gudizzji. Ghalkemm fl-Att V ta' l-1995 (li bih gie kostitwit it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) ma nsibux provvediment li bih l-Artikolu 213 sar applikabbli ghall-proceduri quddiem it-Tribunal, m'hemm xejn fil-ligi li jzomm lit-Tribunal milli japplika l-principju hemm enuncjat. Wiehed ma jistax jinsa li l-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar huma min-natura taghhom proceduri nformali u l-Artikolu 7 tal-att principali jiddisponi li t-Tribunal ghandu jaqta' l-kazijiet quddiemu *"principalment skond l-ekwita"*. Il-Qorti ta' l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **RMF Limited vs Joseph Vella** deciza fid-9 ta' Mejju 1997, kellha l-opportunita tiddikjara li: ***"hu car illi l-informalita' u s-sommarjeta' quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar jipprexindi mill-formaltajiet mehtiega quddiem il-qrati ordinarji"***.

3. Il-konvenut qieghed jikkontesta t-talba ghall-hlas ghaliex skond hu:

- Fl-istatement prodott mis-socjeta attrici ma ttiehed ebda kont tas-somma li kienet taqbez l-elf lira Maltija (Lm1,000), u li l-konvenut jghid li ta lill-kaxxier tas-socjeta attrici fis-17 ta' Ottubru 1996. Ghalkemm waqt it-trattazzjoni ta' l-avukat difensur tal-konvenut saret insistenza li l-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta attrici, huwa maghruf li min jallega jrid jipprova (*iuxta allegata et probata*). Gialdarba l-konvenut qieghed jecepixxi l-hlas, l-oneru tal-hlas jinkombi fuqu. Huwa maghruf li l-pagament jista' jigi provat, mhux biss permezz tad-debita ricevuta, imma bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti, bhal b'dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur, u anke sahansitra bi provi ndiretti bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-min qieghed jiggudika. It-Tribunal haseb fit-tul dwar dak li xehed il-konvenut b'riferenza ghal x'gara dakinhar li sar dan l-allegat hlas, izda m'huwiex sodisfatt li l-konvenut irnexxielu jaghti prova sodisfacenti li l-hlas sar. Il-provi li tressqu fuq dan l-allegat hlas huma skarni u ma jwasslux lit-Tribunal sabiex ikun moralment konvint minn dak li qal il-konvenut. Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta attrici damet is-snin biex hadet passi gudizzjarji fil-konfront tal-konvenut, ma jirrizultax li min-naha tieghu l-konvenut ha xi passi biex jikkawtela l-posizzjoni tieghu u jizgura li dan l-allegat jigi addebitat bhala hlas fir-records tas-socjeta attrici. Cirkostanzi, li ma jistghux

iwasslu lit-Tribunal sabiex jabbracja t-tezi ta' parti jew l-ohra. Jinghad ukoll li mill-istatement ipprezentat mis-socjeta attrici jirrizulta li:

(a) Fis-16 ta' Ottubru 1996 il-bilanc dovut kien ta' Lm2,213.19;

(b) Fis-17 ta' Ottubru 1996 il-bilanc dovut kien ta' Lm2,468;

(c) Fit-18 ta' Ottubru 1996 il-bilanc dovut kien ta' Lm757.32 billi jidher li dakinhar l-konvenut hallas is-somma ta' elf sebgha mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,710.78).

Meta wiehed iqies dawn ic-cifri, ikompli jikber id-dubju kemm vereament sar hlas ta' Lm1,000 fis-17 ta' Ottubru 1996. Kieku dan kien minnu, fis-17 ta' Ottubru 1996 il-bilanc li l-konvenut kien ghad irid ihallas lis-socjeta attrici kien ta Lm1,468.10. Ghalhekk huwa difficli li wiehed jemmen li f'dawk ic-cirkostanzi l-ghada stess il-konvenut kien ser jaghmel pagament ta' Lm1,710.78 u b'hekk jigi li qieghed ihallas kwazi mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) iktar minn dak dovut minnu. Wara kollox hu stess xehed li l-flus li kien ighaddi lill-kaxxier kienu flus li jkun gabar minghand il-klijenti.

It-Tribunal qies ukoll il-perjodu li kien ighaddi bejn pagament u iehor (kif muri fl-istatement a fol. 18 – 19 tal-process). Anke

meta wiehed iqies din ic-cirkostanza, m'huwiex verosimili li f'jumejn il-konvenut ghamel hlas ta' elfejn sebgha mija u ghaxar liri Maltin (Lm2,710).

- Is-somma ta' mija u disghajn lira Maltija (Lm190) tirreferi ghal *crates* li fih kien jingarr il-hobz u li skond il-konvenut kien gabar u rritornahom lis-socjeta attrici (xhieda moghtija fis-seduta tad-9 ta' April 2002). Min-naha l-ohra fuq id-dokument AM3 (dokument li gie pprezentat mill-konvenut fil-kors tad-deposizzjoni tieghu) hemm miktub: *"When I ended my job at Golden Harvest, the empty crates (products in crates delivered by me to the client ... emptied) had to be picked up after by Oliver (the new emplo… who took my place)"*. Kliem li prezumibilment inkiteb mill-konvenut stess jew minn persuna nkarigata minnu. Verzjonijiet li huma kontradittorji ghal xulxin. B'danakollu mill-istatement a fol. 20 tal-process ma jirrizultax li dan l-ammont qieghed jintalab fil-proceduri odjerni peress li s-somma mitluba (Lm1,298.62) tohrog mill-istatement a fol. 19-20 tal-process u mhux mill-crates a/c (Dok. AM3).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont elf mitejn u tmienja u disghajn lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1,298.61), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**